# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2021

**Kawża Nru. 10**
**Rik. Nru. 18/2021 ISB**

**Jean Paul Spiteri (KI 21091G)**

**vs**

**ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Jean Paul Spiteri** (KI 21091G), pprezentat fis-26 ta' Frar 2021, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:-

Illi r-Registratur intimat hareg avviz datat it-2 ta' April, 2020, li permezz taghha informa illi:

Notice is hereby given by the Registrar of Companies, in terms of subsection (2) of Section 325 of the Companies Act, 1995, that the under-mentioned companies shall be deemed to be dissolved and their name shall be struck off the register, at the expiration of three months from the date of this notice, unless cause is previously shown to the contrary.

The assets of the said companies shall devolve upon the Government of Malta once their name is struck off the register.

Illi fost il-kumpaniji elenkati fl-avviz hawn fuq imsemmi, hemm inkluza s-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited (C 27511), l-isem ta' liema socjeta` gie fil-fatt imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji nhar is-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), kif jirrizulta mill-estratt mehud mis-sit ufficjali tar-Registru tal-Kumpaniji, hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim'Awla, fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 721/2018 (TA), fl-ismijiet 'Jean Paul Spiteri vs Shirley Ann Micallef', nhar it-28 ta' Jannar, 2019, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B', gie orndat illi l-imsemmija socjeta` tigi kjamata fil-kawza indikata;

Illi nonostante ghadd ta' tentattivi sabiex l-imsemmija socjeta` tigi debitament innotifikata bir-rikors promotur, dawn ma kellhomx ezitu pozittiv, u kien biss meta l-esponenti gie mitlub jipprezenta estratt mis-sit ufficjali tar-Registru tal-Kumpaniji li gie a konjizzjoni tal-istess esponenti l-fatt li isem is-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited kien gie mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji;

Illi in vista tas-suespost, l-esponenti jinsab pregudikat u aggravat, ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-fatt li l-isem tal-

kumpanija in kwistjoni Dormax Promotional Printing Limited (C 27511) gie mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, u kwindi, fl-umli opinjoni tal-istess esponenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-imsemmija socjeta` jerga` jidhol fir-registru tal-kumpaniji;

Illi ai temini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames (5) mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jiddahhal l-isem tas-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited (C 27511) fir-registru tal-kumpaniji, b'dana illi l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;

2. Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji;

3. Jekk ikun necessarju, taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited (C 27511), u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-ism tal-istess socjeta` ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.

Bl-ispejjez.

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 4 sa fol 7).

Rat **<u>id-digriet</u>** taghha kif dak in-nhar preseduta tal-5 ta` Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta' Gunju 2021 fl-11:45am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fid-19 ta' April 2021 (ara tergo ta` fol 9).

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **<u>ir-risposta</u>** tieghu (fol 24), li permezz taghha, huwa sostna:

> Illi l-kumpanija Dormax Promotional Printing Limited (C 27511) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fid-29 ta' Diċembru tas-sena 2000;
>
> Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2003 u l-aħħar prospett annwali kien tas-sena 2004;
>
> Illi l-kumpanija in piu' naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;
>
> Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;
>
> Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;
>
> Illi ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. '**A**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha *Graphics House, Industry Road, Qormi* datata u l-istess lid-direttur tagħha fl-indirizz, *33, Blanche Hiber Street, Sliema* datati d-19 ta' Frar 2020;

Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fis-6 ta' April 2020;

Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u it-tieni ittra fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.

Illi fis-6 ta' April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq *Times of Malta* fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;

Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-6 ta' Lulju 2020, (u mhux fis-sena 2000 kif indikat fir-rikors tar-rikorrenti) li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq *website* miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;

Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;

Illi r-Reġistratur huwa kreditur ta' din il-kumpanija huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, li jammontaw għal EUR 13,408.88 u penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali, li jammontaw għal EUR 17,780.50; b'hekk l-ammont totali hu dak ta' **EUR 31,189.38;**

Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni fuq is-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.

Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.

Bl-ispejjeż.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2021, dehret l-Avukat Marcette Portelli Scerri ghar-rikorrenti li kienet rappresentata in Awla minn Pauline Spiteri, u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fit-2 ta' April 2020, ir-Registratur intimat hareg Avviz li permezz tieghu avza illi kienet ser titnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **Dormax Promotional Printing Limited (C-27511)**.

Illi isem l-imsemmija socjeta` kummercjali tnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fis-6 ta' Lulju 2020 (mhux 2000 kif erronjament indikat fir-rikors promotur).

Illi jirrizulta illi hemm pendenti proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, senjatment **721/2018TA** fl-ismijiet Jean Paul Spiteri vs Shirley Ann Micallef u fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2019, dik l-Qnorabbli Qorti ordnat il-kjamat in kawza tas-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited u halliet il-kawza ghan-notifka tal-istess socjeta` kummercjali.

Illi gie dikjarat mir-rikorrent illi saru diversi tentattivi ta' notifika tal-istess socjeta` kummercjali msemmija, imma baqghet ma gietx notifikata, u konsegwentament meta giet biex tigi ppresentata fl-atti tal-kawza 721/2018TA estratt mill-Malta Business Registry, ir-rikorrent indunata illi l-kumpannija Dormax Promotional Printing Limited kienet *struck off as defunct*, u dan b'effett mis-6 ta' Lulju 2020.

Illi r-rikorrenti jikkontendi illi gja la darba huwa necessarju illi din il-kumpannija Dormax Promotional Printing Limited tkun notifikata bl-atti tal-kawza 721/2018TA fejn kienet kjamata in kawza minhabba l-interess illi

hija ghandha f'dawk il-proceduri, allura kien necessarju illi terga' titpogga fuq ir-Registru tal-kumpanniji.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet ilha snin twal mhux konformi mal-obbligi taghha, addirittura mis-sena 2003/2004. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

Mhemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija Dormax Promotional Printing Limited (C-27511) giet ikkancellata minn fuq ir-Registru, in kwantu illi l-partijiet jaqqblu u d-dokumentazzjoni hekk turi, illi dan sar fis-6 ta' Lulju 2020.

Mill-atti jidher car illi il-Prim Awla tal-Qorti Civili dehrilha opportun illi tordna l-kjamat in kawza tas-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited (C-27511) ghaliex dehrilha illi kellha interess guridiku f'dawk il-proceduri. Din il-Qorti certament illi mhux ser tistharreg dan imma tiehu l-posizzjoni li hadet il-Prim Awla tal-Qorti Civili bhala tali illi jwassal ghal konvinciment taghha illi allura jeziti l-interess tar-rikorrenti kif irid is-Sub-Artiklu hawn fuq citat. Bil-kjamat in kawza tas-socjeta` Dormax Promotional Printing Limited fil-proceduri 721/2018TA quddiem il-Prim Awla, ir-rikorrent odjern ghandu konvenut iehor f'dawk il-proceduri, appuntu is-socjeta` de quo, li fil-konfront taghha, ghandu interess illi jmexxi il-kawza tieghu.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Dormax Promotional Printing Limited (C-27511)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Dormax Promotional Printing Limited (C-27511)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-<u>perjodu massimu ta' sena wara li l-proceduri 721/2018TA fl-ismijiet Jean Paul Spiteri vs Shirley Ann Micallef jghaddu definittivament in gudikat</u>, b'dan illi r-rikorrent Jean Paul Spiteri huwa minn issa ordnat jgharraf ufficjalment lir-Registratur tal-Kumpanniji appena l-kawza 721/2018TA tghaddi in gudikat, u b'hekk jinghata zmien sena ohra, jekk ikun il-kaz u l-bzonn, ghall-esekuzzjoni ta' tali sentenza.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Dormax Promotional Printing Limited (C-27511)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**